# Ġużè Muscat-Azzopardi

*kitba ta' Dr Carmel Mallia*

*M'iniex se ngħidilkom biex tmorru sal-Bancroft Gardens fi Stratford ħalli taraw l-istatwa ta' Shakespeare, lanqas Toledo biex tmissu b'idejkom dik ta' Cervantes, lanqas Campo dei Fiori biex tilwu għonqkom intom u tħarsu 'l fuq biex tilmħu dik ta' Giordano Bruno, lanqas f'kull rokna ta' Franza biex tiftakru fil-balbuljata li sabet ruħha fiha Jean d'Arc, imma nistidinkom biex meta jogħġobkom xi darba żżuru l-monument ta' Ġużè Muscat-Azzopardi li kumitat imwaqqaf apposta, u li Dr Joe Grima u jien kellna l-unur inkunu membri tiegħu, waqqaf f'Misraħ il-Kittieba, mhux bogħod minn hawn, f'dik ix-xaqliba li aħna nsejħu Ħdejn il-Vitorja.*



Jekk dawk il-postijiet barranin li għadni kemm semmejtilkom waqqfu dawk il-monumenti ta' nies kbar għax hekk jixirqilhom, hekk ukoll ftit snin ilu aħna l-Qriema wrejna, forsi domna wisq ma stenbaħna, li xi darba beltna kienet tat wieħed mill-akbar Maltin li għamlu isem għalihom infushom, imma li warajhom ħallew kultura sħiħa, magħġuna mal-Istorja tas-soċjetà li għexu fiha.

M'iniex se noqgħod insemmi l-unuri li bihom żejnu isem il-kompatrijott tagħna, Ġużè Muscat-Azzopardi. Kulħadd onorah, ibda mill-kittieba ta' żmienu u ta' warajh u spiċċa fil-membri tal-knisja u fil-politiċi.

Għax dan ir-raġel daħal f'kull qasam tas-soċjetà ta' żmienu. Dan, kien kapaċi jagħmlu b'moħħu, biex ma ngħidx aktar u aktar bil-fiżiku kollu tiegħu, għax trid tkun tassew ġgant moralment u fiżikament biex tidħol għal dak ix-xogħol kollu li kellu l-kuraġġ jidħol għalih hu.

Kien bniedem ta' viżjoni, kellu l-kuraġġ u l-qawwa tar-rieda biex imexxi 'l quddiem kawża, kawża li tinferaq fi tnejn: l-ilsien Malti u l-letteratura Maltija. Ried joħroġ lil Malta, jew aħjar ngħid, lill-Maltin, mid-dlam li kien qed jostorhom, anzi li kien ilu jostorhom f'dak il-qasam li daħal għalih hu.

Il-poplu kien injorant, mhux għax ried hu, imma għax hekk ried ħaddieħor, għax hekk qabillu. Niftakru minn xiex kellu jgħaddi Manwel Dimech, li għex fl-istess żmien ta' Ġużè, biex inkunu nafu minn xiex kienet għaddejja Malta dak iż-żmien. Muscat-Azzopardi ried jimla l-poplu bit-tama ta' ħelsien kulturali u ħolom il-ħolma ta' Malta ġdida kif ħolomha tassew Mikiel Anton Vassalli.

Ġużè Muscat-Azzopardi ma ra xejn quddiemu ħlief il-poplu. U għamel minn kollox biex jgħallmu. Semmu l-Poeżija, issibuh hemm; semmu r-Rumanzi, issibuh hemm; semmu

t-Traduzzjoni tal-Kotba Mqaddsa, issibuh hemm; semmu l-Politika, issibuh hemm; semmu l-Kritika tal-Opra, issibuh hemm; semmu l-Gazzetti, issibuh hemm ukoll bħala editur.

Għalhekk jien ma ngħidx bħalma qalu wħud, meta semmewh fil-kritika tagħhom, li Ġużè Muscat-Azzopardi għad irid ikun skopert. Għalija dawn kitbu hekk jew biex iwarrbuh jew, ħalli ngħidha hekk biex ma noffendihomx, għax forsi ma kellhomx ħin biżżejjed għalih.

Dal-ġgant Qormi messu kien stmat aktar minn min jifhem f'dan il-qasam.

U hawn ippermettuli nagħti ġieħ lill-mibki Ġużè Cassar Pullicino li fil-ktieb tiegħu maħruġ mill-PIN fl-1991 kiteb dak kollu li wieħed jista' jikteb fuq Ġużè Muscat-Azzopardi. Fittxuh f'dan il-ktieb u ssibuh hemm kollu kemm hu hemm.

Ġużè Muscat-Azzopardi kien psikologu kbir fis-sens li għaraf jiġbed lejn il-letteratura Maltija, li kienet għadha fil-fisqija, nies kbar bħal Dun Karm u Ninu Cremona.

Forsi n-nuqqas waħdieni ta' Ġużè, jekk wieħed irid isejjaħlu nuqqas, kien biss li m'għarafx jintefa' fuq ġeneru wieħed bħalma għamel ngħidu aħna Dun Karm li ntefa' b'ruħu u b'ġismu fuq il-Poeżija. Imma Ġużè ried jifrex ġwinħajh. Bill sebgħu f'kemm-il vaska tal-ilma mbierek u ma reġax ħarġu qabel ma biddel il-lewn ta' dak l-ilma kif ried hu. F'kull vaska ħalla biċċa minn moħħu u qalbu.



*Waqt is-serata f'ġieħ Ġużè Muscat Azzopardi li saret fil-Każin Pinto fl-2007*

Dil-belt li wellditu ma naqashiex lanqas, għax l-isbaħ paġni li kiteb kitibhom fuqha. Biżżejjed taqbdu f'idejkom ir-rumanz tiegħu 'Susanna', biex insemmu xogħol wieħed biss, biex tifhmu x'qed ngħid. Is-Soċjetà Filarmonika Pinto wkoll daqet id-direzzjoni tiegħu. Fil-fatt kien fl-2007 meta, aħna tal-'Għaqda Ġużè Muscat-Azzoaprdi/Awturi Qriema' (qed inġorru ismu għax hekk bix-xieraq) – fakkarna l-għeluq it-80 sena minn mewtu, flimkien mas-Soċjetà Filarmonika Pinto għax kien l-ewwel Segretarju u mbagħad President tagħha. Kienet tassew lejla mistħoqqa u xierqa.

Hawn nistħajjel li Ġużè qed ilissen il-kliem tad-deheb ta' W. Somerset Maughan li f'"The Moon and Sixpence' kiteb: "Life isn't long enough for love and art." Tgħid Ġużè ma xtaqx ħajja itwal biex ikompli jikkontribwixxi għall-mixja 'l quddiem tal-lingwa, tal-letteratura u tal-arti f'Malta?

Naħseb jixirqulu fuq xofftejh kliem Cavaradossi tat-Tosca:"*Vissi d'arte, viss id'amore*" għax kien juża l-arti tal-kitba sforz l-imħabba li kellu lejn art twelidu. Ma kienx biss artist f'kull qasam li daħal għalih, imma kien ukoll għalliem u għalliem mill-kbar. Qata' bi snienu.

U li kieku xi darba xi ħadd għad joħlom jippubblika xogħlietu kollha, kont nipproponi li fl-ewwel volum jinkiteb il-kliem li Anthony Throllope ħalla f'"Barchester Towers': "*There is no royal road to learning, no short cut to the acquirement of any art.*"

Ġużè Muscat-Azzopardi ma kienx jagħmel l-affarijiet nofs leħja. Li għamel għamlu b'qalb kbira u b'moħħ li ħaddmu sal-aħħar nifs.

Minn Ħal Qormi fejn twieled reda' t-tagħrif u l-kultura soċjali flimkien mal-edukazzjoni li mbagħad għenuh ikompli triqtu minn fejn mar joqgħod, il-Belt Valletta, quddiem il-baħar ta' Marsamxett bil-Gżira u b'Tas-Sliema quddiemu.

Nixtieq nislet erba' kelmiet mitqilhom deheb mill-ittra li Ninu Cremona kiteb lil iben Ġużè Muscat-Azzopardi, Ivo fl-1947 fejn qallu: "Nista' ngħid biss illi l-pinna tal-kritiku din id-darba għamlet ħaqq sewwa lil isem il-papà tiegħek u tagħna l-kittieba, lil Ġużè Muscat-Azzopardi, bħala bniedem letterat u bħala l-ewwel wieħed fostna li ħoloq l-ewwel letteratura soda tal-lsien Malti bil-kitba tiegħu." Apprezzament mill-isbaħ.

Barra minn dan, ippermettuli nsemmi biss żewġ poeti, fost oħrajn, li għollewh sas-seba' sema. Dawn huma Patri Anastasju Cuschieri u Dun Karm. Cuschieri jgħidlu hekk: "Minnek tgħallimt il-Malti/Kif tgħawġu u jibqa' sħiħ." U Dun Karm juża żewġ verbi li ma nafx jekk insibuhomx jgħoddu għal xi awtur ieħor Malti. Qallu lil Ġużè: il-kitba tiegħek int "irqomtha, ħimtha sewwa". Qed tindunaw li hawn għandna żewġ awturi tal-affari tagħhom għall-aħħar li lil Ġużè Muscat-Azzopardi qed isejħulu 'stilista', u t-tnejn li huma stqarrew li tgħallmu minn għandu preċiżament bħala stilista.




Hemm fejn tmur aktar 'il bogħod minn hawn?

Għalhekk il-mertu nazzjonali kbir tiegħu llum nafuh, u ma noqogħdux inkarkru saqajna biex nagħtuh dak kollu li ħaqqu.

Imma l-isbaħ u l-ogħla unur tahulu l-Avukat Ġużè Micallef, hekk kif Ġużè Muscat-Azzopardi kien għadu kif miet, meta fis-seduta tal-Assemblea Leġislattiva tat-28 ta' Novembru 1927 sejjaħlu " missier il-letteratura ġdida Maltija."

Ġużè Muscat-Azzopardi huwa d-Don Carlos tal-Opra 'Carmen' li f'ħajtu tefa' l-warda ta' mħabbtu lejn belt twelidu Ħal Qormi. Din is-sena għeluq it-88 sena minn mewtu, Ħal Qormi bħal Carmen joffrilu lura din il-warda u jgħidlu "hawn hi '*La fleur que tu m'avais jetée*' (hawn hi dik il-warda li int tfajtli darba).

Mhux ġieħ mistħoqq dan? X'hemm għalfejn inżidu aktar?



*Monument ta' Ġużè Muscat Azzopardi f'Misraħ il-Kittieba f'Ħal Qormi*